San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – It-Tlieta 12 ta' April 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-2:00 pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Is-Sindku rrefera għall-kampanja edukattiva sabiex it-tfal imorru l-iskola bil-mixi. Huwa semma' li għandu l-ewwel rendikont mingħand il-kap tal-iskola u huwa wieħed sodisfaċenti ħafna. Huwa semma' li kien hemm żewġt itfal li marru dejjem bil-mixi u ħafna oħra li naqsu li jmorru bil-mixi darba waħda biss. Il-Kunsill qabel li sabiex jinkoraġixxi lit-tfal biex ikomplu fuq it-triq li qabdu, għandu jippremja lit-tfal kollha li kkonkorrew għax l-iskop ta' din il-kampanja hu li kull min jinvesti f'saħħtu jirbaħ.

2.3 Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jgħaddi d-donazzjoni ta' €100 lill-iskola sabiex jinxtraw lampi ġodda għall-kurituri tal-iskola li eventwalment huma wkoll l-kurituri tal-uffiċji tagħna.

2.4 Sar qbil li għandha ssir follow-up tal-ħtiega sabiex isir it-*timer* għad-dawl mal-faċċata tal-knisja.

2.5 Is-Sindku lmenta għal fatt li l-kuntrattur Richard Cauchi qed idum biex jiġi jittermina x-xogħolijiet li jonqos fil-pjazza relatati mal-funtana. Huwa qal li ser ikompli jagħmel dan u jekk jibqa' ma jiġix naraw x'passi nistgħu nieħdu.

2.6 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ħarġa għal Malta ma rnexxietx peress li Ta' Ciangura Folkgroup organizzaw waħda huma u għalhekk ma kienx vijabli li jiġu organizzati żewġ ħarġiet.

2.7 Is-Sindku rrefera wkoll għall-iskemi tal-ħaddiema tal-ETC u li minnha l-Kunsill qed jibbenifika minn żewġ ħaddiema, Lino Gauci ħaddiem tal-id u Sharon Mizzi bħala cleaner u office assistant. Is-Sindku rrefera għal dawn il-ħaddiema bħala benefiċċju u għajnuna kbira għall-Kunsill peress li huma full-time u mhumiex tal-ebda piż finanzjarju għall-Kunsill.

2.8 Is-Sindku rrefera għall-fatt li hemm xi siġar mejtin fil-*pots* tal-pjazza u li jinħtieġ li jinbidlu. Huwa propona li fin-nofs tal-*pots* it-tondi għandhom jithawwlu siġar taċ-ċitru. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.9 Is-Sindku rrefera wkoll għall-fatt li l-*bollards* ġew imwaħħla iżda għad jinħtieġ li jsiru l-*planters* ta' bejniethom u jsir il-*grouting* madwar l-istess *bollards*. Huwa semma li talab stejjem tal-planters u anke dekorazzjoni li ġiet diskussa waqt il-laqgħa u li dwarha kien hemm qbil.

2.10 Rigward il-fatt li l-iskart goff ser jiġi separat minn dak elettroniku għal dak li mhuwiex, sar qbil li għalissa għandna nedukaw lin-nies. Il-kunsilliera Carmen Grima proponiet li għandna nagħmlu tabella hdejn l-*open skip* biex ninfurmaw li l-apparat elettroniku ma għandux jintefa' fl-iskip. Il-Kunsill qabel li għalissa s-servizz tal-*open skip* għandu jibqa u naraw x'jiġri 'l quddiem.

2.11 Is-Sindku Noel Formosa rrefera wkoll għall-ilment kontinwu li l-ġbir tal-iskart nhar ta' Sibt qed isir kmieni. Sar qbil li għandha tinżamm laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġi diskuss dan in-nuqqas.

2.12 Sar qbil li għandha tintbgħat *reminder* lill-Anthony Bugeja sabiex jinżebgħu s-Slow/Stop signs fil-lokal.

2.13 Is-Sindku rrefera wkoll għad-dawra li għamel flimkien mal-Inġinier Michael Micallef fuq il-lampi li hawn fil-lokal. Huwa semma' li ntlaħaq ftehim li l-bozoz il-baxxi ser jinbidlu u ser jiżdiedu oħrajn ġodda.

2.14 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li huwa ressaq lil Go plc rigward il-proġett ta' arti fuq il-kaxxi tas-servizzi tal-Go plc li jinsabu mifruxin mal-lokal.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Is-Sindku rrefera għall-ittra mibgħutha mill-pulizija dwar kif jista' jkun hemm aktar sigurtà fi Triq San Lawrenz. Fuq parir tal-istess ittra, sar qbil li għandna nitolbu sabiex jinżebgħu *white* jew double lines fejn meħtieġ. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu sabiex isiru *speed limit signs*, Peress li t-triq għadha tistenna l-aħħar kisja ta' tarmak sar qbil li l-*middle broken line* ma jistax isir bħalissa qabel t-triq tingħata l-aħħar kisja minħabba t-tappieri għoljin u l-periklu li jġibu magħhom. Sar qbil li għandha tintbgħat itra lil Ministeru għal Għawdex b'referenza għall-ittra mibgħuta mingħand il-pulizija fejn ninfurmawhom li l-miżuri mitluba ma jistgħux jiġu mplimentati qabel tingħata l-aħħar kisja.

3.2 Ġiet trattata l-email li s-Sindku rċieva mingħand is-Sur Romano Volpato rigward iż-żjara fi Brest, Franza konnessa maċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġemellaġġ bejn La Ballme de Sillingy u Colle Umberto. Dwar dan il-Kunsill kien diġa ddeċieda li għandhom jieħdu sehem is-Sindku Noel Formosa u l-Kunsillier Joseph Cauchi. Għandhom jinxtraw il-biljetti tal-ajru u ninfurmaw lil ta' Brest bil-preżenza tad-delegazzjoni Lawrenzjana. Fl-istess email tiegħu s-Sur Volpato propona li jitla' grupp ta' żgħażagħ f'Mejju għall-attivita fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma li mhux ser jipparteċipà f' din l-attivita' peress li f'dawk iż-żmenijiet l-istudenti jkollhom l-eżamijiet u jkun diffiċli tgħaqqad grupp.

3.3 Ġiet trattata l-email mingħand l-Kap tal-Iskola Primarja fejn stieden lill-kunsilliera għall-Open Day tal-iskola. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi u li jieħu din l-okkażjoni biex jippremja lill-istudenti għall-kampanja ta' "ejja l-iskola bil-mixi".

3.4 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li l-Kunsill għamel mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-attivitajiet biex jorganizza l-attivita' "L-Iswejjaq". Il-Kunsill ingħata €2000 biex ikun jista jagħmel din l-attività. Sar qbil li għandna nitolbu lid-Dipartiment sabiex din l-attivita' tiġi organizzata f'Ġunju minflok f'Mejju għax ħa tinzerta tiġi qrib ħafna. Il-kunsill qabel li għandu jinvolvi l-għaqdiet kollha tar-raħal u wkoll li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss fid-dettall din l-attività.

## 4.0 Progetti tal-EU that Priority Axis 4 u 5 tal- Erdf u Interreg

4.1 Is-Segretarja rreferiet għall-launching tal-proġetti tal-ERDF Axis 4 u Axis 5 u għall-attendenza tagħha għal-laqgħa informattiva dwarhom. Hija semmiet li l-*expression of interest* għal dawn il-proġett ser joħorġu dalwaqt għalhekk jekk il-Kunsill huwa nteressat irid jiddefenixxi l-proġetti tiegħu issa.

4.2 Il-Kunsill qabel li ghall-applikazzjoni Axis 4 ghandu japplika sabiex jinstalla pannelli solari fuq il-kappella ta' Sant'Anna biex tkun tista tinghata supply lid-Dwejra Interpretation Centre. Dwar dan sar qbil li għandna nimxu mal-proposta li diġà kien għamel l-Inġinier Josef Micallef meta l-Kunsill kien diġà ddiskuta dan is-suġġett.

4.3 Taħt il-miżura Axis 5, dik ta' restawr, il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex issir pavimentar lid-dawra tal-purċizzjoni sabiex jikkumplimenta l-proġett tal-Pjazza. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Shawn Micallef biex jibda jipprepara l-BOQ's u permessi meħtieġa.

4.4 Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jistħarreġ sabiex jissieħeb fi proġett tajjeb taħt il-programm tal-INTERREG.

## 5.0 Deċiżjoni Childcare Centre

5.1 Is-Sindku rrefera għas-sitwazzjoni delikata għad-deċizzjoni fuq il-futur taċ-Childcare Centre u semma kemm kien diffiċli għalih għax sitwazzjoni bħal din toħloq tensjoni. Dan kien għal fatt li rridu nżommu quddiem għajnejna li kienu ħafna dawk il-ġenituri li talbu biex nikkunsidraw li jinżamm miftuħ anke minħabba s-servizz eċċellenti li dejjem ingħata minn dan iċ-ċentru. Dan kien dovut għal dawk li mexxew u qed imexxu ċ-ċentru. Huwa semma' li matul dan ix-xahar għamel l-almu tiegħu kollu biex anke għen sabiex jinstab impjieg alternattiv lill-istess ħaddiema taċ-Ċentru. Hija deċizzjoni iebsa ħafna u jisħaq li tiġi addatata b'mod delikat ħafna biex nkunu żguri li ħadd ma jweġġa'. Il-Kunsill qabel ma din l-istrateġija.

5.2 Anke fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni u fis-sitwazzjoni preżenti sa xħin niġu konformi mal-liġi mhux ser ikollu triq oħra għajr li jagħlaq temporanjament lil dan iċ-Ċentru. Sar qbil li għandha tintbgħat ittra lill-ġenituri fejn jiġi spjegat lilhom id-deċiżżjoni tal-Kunsill u jinforma li ċ-Ċentru ser jingħalaq b'effett mill-1 ta' Mejju 2016.

5.3 Sar qbil li sadanittant għandna niktbu lill-Gvern Ċentrali u naraw kif jista' jgħin lill-Kunsill billi nuruh li dan kien l-ewwel Childcare Centre f'Għawdex u li għalaqnih kontra qalbna peress li l-istandards mitluba biex topera Ċentru ta' dan it-tip huma għoljin u li l-Kunsill peress li kien għadu jmexxi mal-istandars inizjali fil-preżent żgur li ser ikollu bżonn tal-għajnuna biex jiġi konformi.

## 6.0 Wara l-laqgħa mal-Mepa

6.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellna pjanata mas-CEO tal-MEPA rigward l-flus li l-Kunsill għandu jingħata mill-Planning gain għal Proġett tal-Pjazza. Huwa semma' li xħin huwa flimkien mas-Segretarja u l-avukat tal-Kunsill waslu għal-laqgħa ġew infurmati li l-laqgħa tħassret peress li c-CEO jinsab imsiefer. Huwa semma' li nsista li niltaqgħu tal-anqas mas-segretarja tiegħu. Għalhekk saret laqgħa ma' Marlene Attard fejn ġew spjegati l-fatti. Huma minn naħa tagħhom qed jgħidu li dawn huma EIPP funds li qatt ma sar kuntratt għalihom u minn naħa l-oħra l-Kunsill qed jsostni li ilu snin twal jitlob lil MEPA kif jista jaċċessahom u qatt ma ngħata direzzjoni li għandu jkun hemm kuntratt. L-avukat tal-Kunsill ppropona li għandu jsir *survey* tax-xogħol li sar, jitressaq ir-riżultat quddiem ic-CEO u tittieħed deċiżżjoni li taġevola ż-żewġ partijet. Is-Sindku Noel Formosa saħaq li jixtieq li jkun preżenti meta tiġi diskussa din id-

deċiżżjoni. Is-Sindku rrefera għal fatt li Ms Attard ikkonfermat li b'kollox il-kunsill għandu mas-€46,000 għad-dispożizzjoni tiegħu għall-proġetti taħt-l-EIPP. Minnhom il-Kunsill qed jitlob dawn t-€23,000 biex jingħataw għall-proġett tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-eżitu ta' din il-laqgħa u naraw x'ser jiġri.

## 7.0 Offerti Playing field

7.1 Is-Sindku semma' li nħarġu l-offerti tal-Playing field u li d-data tal-għeluq tagħhom ser tkun nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju f'nofsinhar. Saret referenza għall-problemi ta' drip tal-qsari li kienu nqattgħu waqt il-proġett tal-*underground bring-in-sites* u li rridu nsibu soluzzjoni għalihom. Il-Viċi Sindku Anthony Formosa propona li għandna naraw jekk jistgħux jiġu mgħoddija minn xi post ieħor alternattiv.

## 8.0 Kors għall-anzjani għall-użu tal-ismart phones

8.1 Is-Sindku propona li għandu jsir kors għall-anzjani dwar kif jużaw l-ismart phones. Sar qbil li għandna nibgħatu żewġ anzjani għal kors u mbagħad ikunu huma li jgħaddu l-informazzjoni dwar l-użu tiegħu lill-anzjani oħra. Il-Kunsilliera Carmen Grima offriet li tkun waħda miż-żewġ anzjani li jattendu għall-kors.

## 9.0 Organizazzjoni ta' Weekend break f'Malta

9.1 Sar qbil li ghandna nistharrgu ma' Victory Garage dwar kif nistghu nergghu norganizzaw weekend break f'Malta ghall-pubbliku.

## 10.0 Materji ohra

10.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li jerġa jitwaqqaf id-Dwejra Management Committee minħabba d-diżordni u l-attivitajiet illegali li qed isiru fid-Dwejra. Sar qbil li għandha tintbgħat ittra lill-pulizija fejn ninfurmawhom b'dawn l-attivitajiet illegali speċjalment bil-lejl. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu aktar *patrols* u dwar il-possibilita' li tiġi nstallata cctv maċ-ċimiterju. Is-Sindku hawnhekk ikkundanna bil-qawwa kollha l-intenzjoni tal-att li kien hemm pjanata meta allegatament saret bomba mal-bokka tal-għar. Huwa att ikkundannabbli u li ddeskiriva dan l-att bħala "lid-Dwejra għamilnieha prostituta" għal fatt li ħadd ma għandu jinteressah mid-Dwejra ħlief għar-reklamar ta' pajjizna u biex nagħmlu l-flus minnha. Il-Kunsill ingħaqad ma' din il-kundanna. Sar qbil li għandha tinkiteb ittra lil MEPA, Prim Ministru, Ministru għal Għawdex rigward it-twaqqif tad-Dwejra Management Committee.

10.2 Il-kunsilliera Carmen Grima talbet sabiex issa li waslu x-xhur tas-sajf għandna nerġgħu ntennu t-talba tagħna sabiex tingħata t-tieni kisja lil Triq San Lawrenz.

10.3 Il-kunsillier Franco Buhagiar talab sabiex tinkiteb ittra iebsa lill-Awtoritajiet fejn jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' *crash barriers* fit-Triq tad-Dwejra peress li l-kantunieri huma ta' periklu kbir.

10.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-każ ta' Traffic Management fi Triq id-Duluri minħabba nuqqas ta' ftehim fuq *double yellow lines* bejn xi ġirien. Huwa semma' li l-każ jinsab quddiem it-Transport Malta peress li t-Triq hija arterja u d-deċiżjoni finali ser tkun tagħhom.

10.5 Is-Sindku ressaq il-proposta li fis-sajf tinħoloq speċi ta' koperattiva għaż-żgħażagħ biex joħolqu xogħol. Huwa semma' li kif ġietu din l-idea bgħat email lill-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo u għarrfu b'din il-proposta. Dan minn naħa tiegħu laqagħha tajjeb ħafna u wegħdu kull għajnuna. Sar qbil li għandha ssir laqgħa għaż-żgħażagħ flimkien mal-Kunsill u l-ambaxxatur taż-żgħażagħ biex jiġu diskussi aktar ideat għal din il-proposta.

10.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-wirja tar-ritratti tal-emigranti ta' New Caledonia u li ser tinżamm f'Settembru. Huwa semma' li bniedem bħalma huwa Robert Grech, lest li jikteb storja dwar l-imigrazzjoni f'San Lawrenz u lest li jgħin f'din il-wirja. Sar qbil li għandna nitolbuh stima biex jinkiteb dan il-ktieb ta' storja li tibqa dokumentata.

10.7 Sar qbil li l-Kunsill għandu jagħti *uplift* lill-monument ta' San Lawrenz billi jitranġa madwaru u l-ħajt ta' warajh. Sar qbil li għandu jiġu kkuntatjat l-iskultur John Grima u ssir laqgħa miegħu flimkien mal-Perit Shawn Micallef.

## 11.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

11.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni u ġew approvati.

## 12.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2016 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**